# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin

Novembru 2024

Ħarġa Nru 43



Hbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **hbiebkappellimaltin@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Id-daħla għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Kienet attivitá ferm interessanti dik ta' Ottubru fil-Mellieħa. Nirringrazzjaw lill-Arċipriet tal-Parroċċa, Fr Joe Caruana li mhux biss tana storja interessanti dwar l-iżvilupp tal-Mellieħa u l-Parroċċa, imma saħansitra niżel magħna fis-Santwarju u reġgħa tana rendikont dettaljat dwar l-istorja tal-post kif ukoll tal-loġoġ għall-pellegrini, fejn dħalna naraw il-mużew parrokkjali.

L-attendenza dejjem numeruża tal-membri li jattendu għal dawn iż-żjarat tkompli tagħtina kuraġġ biex inkomplu nistinkaw biex norganizzaw dawn l-attivitajiet, għalkemm dejjem qed insibu ostakli biex inżuru l-kappelli f'ċertu rħula u postijiet oħra.

Għal dan ix-xahar ta' Novembru l-Kumitat ħaseb biex induru kappelli fil-qalba tar-raħal tas-Siggiewi. Għanda tkun attivita' oħra interessanti u edukattiva. Aktar informazzjoni issibuha fiċ-ċirkolari li rċevejtu.

Narawkom

*N. Gingell*

*Għal Kumitat*



Membri tal-Għaqda jisimgħu lil Fr Joe Caruana jitkellem dwar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

Fil-Mellieħa insibu wieħed mill-aktar Santwarji Marjani għeżież li hawn f'pajjizna. Dan jinsab eżattament taħt il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa. Id-dedika ta' dan is-Santwarju hi n-Nativitá tal-Madonna.



Il-faċċata tas-Santwarju mill-għoli

Dan il-maqdes huwa fost l-eqdem tempji nsara li hawn f'Malta. Skont it-tradizzjoni, kien San Pawl innifsu li qaddes dan l-għar tal-Madonna. Jingħad ukoll li dan l-għar kien miżmum f'gieħ in-ninfa Calipso u kien meqjum ħafna mill-baħħara. Din hi t-tradizzjoni iżda mhux minn awl id-dinja li lok tal-kult pagan San Pawl bidlu f'lok ta' kult Nisrani.

Dejjem skont l-istess tradizzjoni, li mhux kulħadd jaqbel magħha, ix-xbieha li hemm fl-għar tal-Mellieħa tpittret fuq il-blat minn San Luqa. Dan San Luqa kien dixxiplu ta' San Pawl u kien qed jivjaġġa miegħu, meta l-Mulej wassalhom fostna. Bla dubju din ix-xbieha hija mirakoluża, kif jixhdu l-għadd kbir ta' kwadri ex voto u għotjiet oħra mħollija b'radd il-ħajr.



is-saqaf impitter li juri l-Missier Etern u numru ta' Isqfijiet

Fl-1436 meta l-Isqof Senatore de Mello semmgħa l-għaxar parroċċi tal-kampanja li kienu jeżistu f'dak il-perjodu, il-Mellieħa kienet waħda minnhom. Għalhekk f'din il-knisja twaqqfet il-parroċċa tal-Mellieħa li kellha t-truf tagħha sal-Mosta. F'dawk iż-żmienijiet il-gżejjer Maltin kienu ta' sikwit jiġu attakkati mill-pirati ta' Barbarija u mit-Torok. Il-Mellieħa messha sehemha wkoll minn dan il-flaġell.

Fl-1551 sar attakk kbir mit-Tork fuq il-gżejjer tagħna, taħt it-tmexxija ta' Dragut li fih il-Mellieħa ġiet attakkata wkoll. Dawk il-Melliħin li rnexxielhom jaħarbu minn dan il-madmad, kollha ħarbu lejn l-Imdina u f'postijiet oħra wara s-swar. Wara dan il-ħbit il-Mellieħa ġiet imneħħija minn parroċċa u bdiet tagħmel man-Naxxar.


Ħarsa minn wara tas-Santwarju

Wara li għadda l-Assedju l-Kbir u beda jgħaddi ż-żmien, u n-nies reġgħu bdew jinżlu joqgħodu fil-Mellieħa. Fl-1584 dan is-Santwarju beda jieħu ħsiebu Patri Agostinjan biex iwaqqfu f'kunvent tal-Ordni tiegħu. Bit-tħabrik ta' dan l-imsemmi reliġjuż u l-patrijiet sħabu, is-Santwarju ġie 'l quddiem ħafna, u ma kienitx nieqsa d-devozzjoni tal-fidili lejħ. B'dankollu fl-1587, is-Santwarju ġie issa fdat f'idejn is-Saċerdot Dun Bennard Cassar, u fl-1603 Dun Bennard ġie maħtur Rettur tas-Santwarju.

Biex tasal għas-santwarju trid tgħaddi minn taħt arkata bi grada kbira tal-ħadid iddisinjat. Fuq din l-arkata verament sabiħa hemm il-kliem bil-Latin u bil-Malti antik "*Fik temgħu missirijietna, temgħu fik u inti smajthom*" u tidher id-data ta' meta sar, jiġifieri dik tal-1719. Minn hemmhekk tidħol f'bitħa kbira u fil-ġenb hemm bibien biex tidħol fis-Santwarju. Faċċata tal-arkata hemm tlett loġoġ li kienu jservu ta' kenn għall-pellegrini. Fuq waħda minn dawn il-loġoġ jidher arloġġ tax-xemx. Mal-ħajt tas-santwarju tidher niċċa bi statwa kbira ta' San Pawl u fin-nofs tal-bitħa hemm statwa tal-Madonna. Jekk taqsam il-bitħa u tgħaddi minn taħt il-loġġa u ddur fuq ix-xellug issib il-faċċata ewlenija tas-Santwarju, fejn hemm il-bieb prinċipali tiegħu.


L-altar ewlieni fejn jidher is-saqaf impitter li juri l-Missier Etern

Kif tidhol ġewwa tissaħħar bil-ġmiel li tara. L-altar huwa parti minn għar u quddiemu hemm il-parti tal-knisja li nbniet wara. Fil-fatt għal bidu dan is-Santwarj kien jikkonsisti biss fl-għar tal-Madonna iżda maż-żmien dan it-tempju ġie mkabbar u sar kif inhu llum.

Is-Santwarju huwa magħmul minn għar




L-ikona tal-Madonna bil-Bambin

naturali, korsija u erba’ kappelluni, li kollha ġew miżjuda wara. Fih nsibu koppla żgħira u kampnar wieħed, bi tliet qniepen. L-arloġġ ta’ dan is-Santwarju inħadem minn Mikelanġ Sapiano fl-1875. F’din il-knisja fiha xi kuruturi li kollha huma mħaffrin fil-blat kif ukoll sagristija mdaqqsa. Din is-sagristija hija miżgħuda b’wegħdi, *ex voto*, u saret bi flus Mario de Vasis, minn Sirakuża.

Fost il-bosta ħwejjeġ li jorqmu 'l dan is-Santwarju, bla dubju hemm ix-xbieha tal-Madonna mpinġija fuq il-ħajt, li skont it-tradizzjoni, saret minn San Luqa meta kien hawn Malta. Din ix-xbieha hija mirakoluża. Tinstab fil-għar fejn quddiemha hemm imdendlin ammont ta’ lampieri bix-xemgħa li jagħtu lil dan it-tempju d-dehra ta’ devozzjoni kbira. Xi snin ilu din ix-xbieha giet irrestawrata u nkixfu dettalji li qabel ma konniex nafu bihom.

F’din il-knisja nsibu diversi opri sagri fosthom pittura mill-isbaħ, li tkompli żżejjen 'il dan it-tempju. Il-pittura li żżejjen is-saqaf tal-għar u li turi l-Isqfijiet fil-Konċilju, saret bit-tħabbrik ta’ Mario de Vasi u nħadmet minn Salvu Bonnici. Dawn l-Isqfijiet ġew impinġija bħala tifkira tal-konsagrazzjoni qadima u fl-1886 din il-pittura ġiet irrestawrata minn Ċensu Busuttil l-Għawdxi. F’Jannar tal-1973 beda r-restawr għat tieni darba ta' din il-pittura mill-pittur Samwel Bugeja u dan ir-restawr x’aktarx kixef il-pittura oriġinali. Hemm ukoll pittura li turi lil Missier Etern.

Fil-knisja nsibu l-kwadri ta’ Santa Marija u dak tal-Viżitazzjoni li t-tnejn tpinġew minn Giuseppe Calleja. It-tliet kwadri li juru lil Sant’ Andrija, lill-Madonna tal-Karmnu u lil San Pawl huma xogħol Anton Falzon li saru fl-1853. Il-pittur Pietru Pawl Caruana pitter l-kwadru ta’ San Filippu. Dak tar-Rużarju huwa xogħol ta’ pittur mhux magħruf tas-seklu tnax, iżda huwa attribbwit lil Stefano Erardi. Minbarra dawn il-kwadri,



L-altar ewlieni



Ktajjen li kienu jintużaw mill-iskjavi




Pittura fuq il-ħġieġ ta' Ġużeppi Calì

insibu kwadri oħra li ma għandniex dettalji fuqhom, fosthom kwadru ieħor dwar il-Viżitazzjoni, l-Għerusija ta' Marija ma' Ġużeppi, kwadru ieħor ta' Santa Marija, il-Ħarba lejn l-Eġittu, il-Portusalvu mdawwar bi ħmistax il-kwadru oħra żagħar li juru l-Misterji tar-Rużarju, il-Madonna taċ-Ċintura, il-Kunċizzjoni u Santa Rita.

Id-devozzjoni li għandu dan il-maqdes għal poplu Malti jixduh l-ammont ta' pellegrini li jirrikorru għat-talb f'ħoġor ix-xbieha tal-Madonna. Apparti minn hekk wieħed isib ammont kbir ta' kwadri tal-wegħda u oġġetti oħra li jfakkru fi grazzji maqlugħa.

Fost ħafna persuni distinti li żaru lil dan is-Santwarju insibu lil Papa Ġwanni Pawlu II li mar iżur il-Madonna tal-Mellieħa nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju 1990 fl-ewwel żjara tiegħu f'pajjiżna.

*Kitba : Joe Brincat*

*Artiklu meħud minn kappelli.com, imqassar għall-fuljett minn R Busittil*

*Ritratti: N Gingell, Miriam Schembri u mill-internet*




Il-kamra fejn kien jinżamm iż-żejt li kienu jieħdu l-pellegrini biex jinxtegħel quddiem il–Madonna

# Il-Madonna tal-Għar
# Mellieħa




Daħla mit-triq għall-għar

Hekk kif wieħed ikun tiela mit-triq li mill-bajja tal-Għadira li tieħdok għaċ-ċentru tal-Mellieħa, eżattament quddiem il-pjazza tas-Santwarju, wieħed jinnota daħla bil-bieb mat-triq, liema daħla twasslek għal għar li jiġi taħt it-triq. Dan l-għar hu magħruf bħala 'tal-Madonna tal-Għar', u għandu storja interessanti.

Dan mhux għar naturali imma mħaffer fil-blat, ħolma ta' persuna barranija, propjament Sqalli, li kien iżur is-Santwarju b'mod regolari. Sabiex jaqta' xewqtu maż-żmien għamel ukoll statwa l-ġewwa nett tal-għar tal-Madonna li qedgħa żżomm lil binha Ġesu f'idejha x-xellugija. Din il-persuna kien Mario de Vasi minn Catania, negozjant tal-inbid bejn Sqallija u Malta. Meta kien ikun f'Malta dejjem żar is-Santwarju biex jagħti qima lil Madonna, u tant kien devot li ried joħloq replika żgħira tas-Santwarju. Fl-1644 de Vasi ħallas għat-tqattieħ fil-blat wara l-ikona tal-Madonna fis-Satwrju bħala sagristija żgħira. Xi uħud jgħidu li ħallas ukoll għar-restawr tal-pittura tas-saqaf fis-Santwarju li turi lil Missier Etern ma' numru ta' Isqfijiet, li skont it-traduzzjoni dawn għaddew Malta fi triqthom lejn il-Konċilju ta' Milevio, qrib Kartaġni fis-seklu 5 WK, liema Konċilju kien invokat mill-Papa Innocent I fi żmien Santu Wistin, u bierku u kkonsagraw dan is-Santwarju.



Dehra tal-għar mid-daħla

Fl-istess żmien huwa ddokumentat fid-dettal fl-atti notarili tan-Nutar Vincenzo Tonna datat 21 ta' Frar 1644, li sar kuntratt bejn dan de Vasi u l-Capo Mastri Domenico Baldacchino u Giovanni Pietro Xichluna sabiex dawn jagħmlu xi xogħolijiet, fosthom passaġġ li jieħdok għal nixxieha ta' ilma u għal għar / kripta viċin is-Santwarju. Skont dan il-kuntratt

dawn kellhom jifformaw fil-blat 26 tarġa u jerġgħu jduru lejn ix-xellug 26 tarġa oħra sabiex jidħlu fl-għar / kripta, liliema għar kellu jkun ta' 30 palma għoli u 22 palma wiesa. U hekk sar.

Billi l-Mellieħa għandha kosta tal-baħar twila u partijiet baxxi mal-baħar, li tibda miċ-Ċirkewwa, iddur mal-peninsula tal-Aħrax, tasal il-bajja tal-Għadira, u tibqa sejra sal-bajja tal-Mistra, ma kienx jonqos li l-Mellieħin kienu suġġetti għal ħbit jew tat-Torok jew tal-pirati / furbani. Fil-fatt nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju 1614 sar attakk kemm fuq il-bdiewa u djarhom kif ukoll fuq is-Santwarju. Għalkemm il-bdiewa u r-rettur tas-Santwarju rreżistew kemm felħu dan l-attakk, l-ikona mqaddsa tal-Madonna fis-Santwarju saritilha ħsara kbira f'ħafna bnadi inkluż tiċrita. Tliett statwi li kien hemm, tnejn tal-Madonna u oħra ta' San Ġużepp spiċċaw bla-ras.

Dan is-sit għandu tliett stejjer / leġġendi marbutin miegħu. L-ewwel taqbila tgħid :

*"Jekk int u nieżel dawn it-tarġiet kollha tgħodd*

*Mintiex se taqbel int u tiela' bl-ebda mod".*

B'din riedu jfissru li billi trid tinżel sew għal għar, int u tiela' tgħejja u titfixkel tgħodd u tista tinfixel u ma taqbilx man-numru li tkun għoddejt qabel meta nżilt !

It-tieni storja / leġġenda tgħid li darba numru ta' tfajliet imxew mal-għajn tal-ilma ġieri u ma ġewx lura.

It-tielet storja / leġġenda tgħid li għal tliett darbiet l-istatwa tal-Madonna ġiet meħuda fis-Santwarju u kull darba nstabet lura fil-għar. Hekk li ma ċaqalquhiex aktar u tħalliet għal dejjem fil-paċi.

Filwaqt li dawn ta' fuq kienu stejjer/ leġġendi, dawk li ġraw fis-snin 1887, 1888, 1889 u 1948 huma ġrajjiet dokumentati u ddikjarati taħt ġurament u ffirmati. Fis-Santwarju hemm 13-il dokument differenti li jsemmu fid-dettal il-fatt li bosta nies raw fenomenu mill-Madonna li ċaqalqet idejha l-leminija f'okkazzjonijiet differenti.

L-ewwel okkazzjoni kienet ġrat fit-2 t'Awwissu 1887 meta s-Suġent Maġġur Vittorio Gauci ddikkjara li ra l-id il-leminija tal-istatwa tal-Madonna tiċċaqlaq il-fuq u l-isfel fi tliett okkażżjonijiet differenti fl-istess ġurnata. L-istess ġara fit-13 t'Awwissu meta 10 persuni differenti raw l-istess fenomenu, filwaqt li żewġ persuni oħra, inkluż il-Kappillan tal-Mellieħa Dun Francesco Magri, għal darbtejn



L-istatwa tal-Madonna bil-Bambin

fl-istess ġurnata segwew dan il-fenomenu. F'okkażżjonijiet oħra bejn it-18 u t-30 t'Awwissu ta' l-istess sena bosta Maltin esperjenzaw dan il-fenomenu tal-Madonna. Dawn kollha ddeskrivaw dak li raw : " ... *fare un segno de croce in forma di benedire avendo umilmente pregato in quell' instante la sua benedizione*..." u " .... *le dita mouversi e distanziarsi l'un dall' altro specialmente il police*..."

Dokument ieħor jgħid kif fl-20 ta' Settembru 1887 Dun Luigi Farrugia u żewġ qassisin oħra wara li qaddsu fis-Santwarju żgħaru l-Għar u ħadu ftit ilma min- nexxieha tal-ilma. Meta wasal lura d-dar Dun Luigi għamel is-sinjal tas-salib fuq ras oħtu, Maria Carmela, li kienet tbati bl-attakki tan-nervituri u wġieh ta' ras kbir u qawwi. Dan il-qassis iddikjara taħt ġurament li minn dak il-ħin stess oħtu waqfilha l-uġieh u li fi żmien xagħrejn fieqet minn kollox u għexet ħajja normali.

Din l-aħbar u oħrajn xterdu ma' Malta u Għawdex bħal leħħa ta' berqa bir-riżultat li fl-20 ta' Novembru 1887 l-Isqof Fra Antonio Buhagiar, flimkien ma' bosta mill-kleru u għadd kbir ta' Maltin u Għawdxin għamlu pellegrinaġġ u fl-aħħar tkanta it-Te Deum bħala ringrazzjament. Fl-istess ġurnata kien tkanta it-Te Deum fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex għax kien ġie ddikjarat li l-marda tal-Kolera kienet uffiċjalment spiċċat.

Okkażżjonijiet simili tal-fenomenu tal-Madonna ġew iddokumentati fl-20 t'April 1888 u fl-14 ta' Mejju 1889.

F'okkażżjoni oħra li ġrat fl-20 ta' Marzu 1893 Fr John M'hale, flimkien ma' qassis Ġiżwita bħalu u grupp ta' 50 student magħhom stqarru li raw id il-leminija tal-Madonna tiċċaqlaq bil-mod waqt li ras il-Bambin Ġesu ċċaqalqet bil-ħlewwa bil-mod u b'idejh il-leminija berikhom u li fuq wiċċu kellu espressjoni ta' kuntentizza. Qalu wkoll fid-dikjarazzjoni dettaljata tagħhom li dan il-fenomenu dam xi 30 minuta. Wieħed mill-istudenti li kien preżenti dakinnhar, Frederick Clothier, kien Protestant imma maż-żmien qaleb għal Kattoliċiżmu. Fl-eta ta' 82 sena qata xewqtu li jerġa jżur dan is-sit u jsellem lil Madonna.

L-aħħar okkażżjoni kienet seħħet fl-1948 wara it-Tieni Gwerra Dinjija meta grupp ta' 10 persuni ddikjaraw individwalment taħt ġurament li raw lis-'Sinjura l-Bajda' iċċaqlaq idejha l-leminija.

Illum dan l-Għar għadu jiġbed folol ta' nies li l-ewwel iżuru s-Santwarju u wara jinżlu fl-Għar sabiex jagħtu qima u ġieħ lil Sidtna Marija Omm Alla, it-"Theotokos".

*Kitba : N Gingell - Informazzjoni miġbura*

*u misluta minn diversi kotba u artikli mill-Internet*

*Ritratti N Gingell, Tony Gatt u mill-Internet*



Dehra tas-għar minn ġewwa

# Il-Loġoġ għall-Pellegrini

**(Pilgrim's Lodge)**

## Mellieħa



Il-pjazza tas-Santwarju

Minn żmienijiet bikrija is-Santwarju sar sit ta' pellegrinaġġi fejn bosta Maltin kienu jżuruh sabiex iqimu lil Madonna, u barra li jagħtuha ġieħ jitolbuha xi għajnuna partikolari, kemm spiritwali kif ukoll temporanja, kif jixhdu l-bosta kwadri *ex-voto* u oġġetti li wieħed jara fis-sagristija tas-Santwarju.

Il-pellegrini li kienu jżuru s-Santwarju kienu jiġu minn kull parti ta' Malta u kienu jappartjenu minn kull faxxa tas-soċjeta Maltija ta' dak iż-żmien, kemm dawk fqar kif ukoll l-għonja, in-Nobbli, Kavallieri tal-Ordni, li uħud minnhom kienu jattendu regolarment, kif ukoll barranin. Hekk li hu magħruf li l-Gran Mastru Manwel Pinto de Fonseca kien wieħed minn dawk li kien izur is-sit b'mod regolari, tant li kien ikkommissjona li titħaffer kamra fil-blat fuq wara tas-sagristija tas-Santwarju sabiex ikun jista jistrieħ hemm.

Billi l-Mellieħa kien l-aktar post imbiegħed mill-bqija tal-villaġġi u rħula mill-kumplament ta' Malta, il-pellegrini kien ikollhom bżonn ta' mistrieħ qabel ma' jerġgħu lura lejn darhom. U rridu nifhmu li l-vjaġġ, ġeneralment kien isir jew bil-mixi jew fuq xi karrettun, u kien ikun strapazzuż, diffiċli, u ta' għejja kbira. Anke minn kien jasal fuq dahar iż-żiemel jew bil-kaless, xorta kienu jgħejjew. Maż-żmien ir-Rettur



Is-Santwarju qabel ma nbniet il-knisja



Is-siġġu li poġġa fuqu il-Papa Ġwanni Pawlu II meta żar Malta

tas-Santwarju bena kwartieri kemm għalih kif ukoll kmamar li servew ta' post ta' serħan, fuq żewġ sulari b'disat ikmamar. Filwaqt li l-ewwel sular inbena fis-16-il seklu, dak ta' fuq inbena matul it-18-il seklu.

Waqt li oriġinaljament dan is-sit serva bħala post ta' serħan għal pellegrini li kienu jżuru s-Santwarju, maż-żmien beda jintuża għal skopijiet oħra, tant li l-kmamar spiċċaw biex servew bħala mħażen. Fis-seklu l-ieħor dan is-sit kien serva għal żmien twil bħala post għat-tagħlim tad-duttrina għat-tfal.

Matul dawn l-aħħar snin dan is-sit ingħata ħajja ġdida billi nbidel f'mużew li juri l-istorja tal-pellegrini kif ukoll tal-oġġetti prezzjużi li għanda il-knisja parrokkjali. Din il-ħidma saret permezz ta' investiment ta' 'l fuq minn sitt mitt elf ewro li nħarġu mill-Fondazzjoni tal-Wirt Kulturali tal-Knisja, mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu u fondi mill-Unjoni Ewropea. L-inawgurazzjoni ta' dan




Uħud mill-irħam li jirrekordjaw partijiet mill-istorja tas-Santwarju matul iż-żminijiet



Lampier tal-fidda maħdum fil-filigranu, li skont in-notamenti huwa tas-seklu 17



Pittura tal-Madonna bl-istellarju u nkurunata, bil-Bambin inkurunat iżomm il-globu f'idejh

il-mużew sar f'Diċembru 2023 mill-Isqof Awziljarju Joseph Galea Curmi. Sar xogħol verament professjonali, u wieħed m'għandux jitlef iċ-ċans li jżur dan il-mużew sabiex japprezza aktar il-wirt kulturali reliġjuż li ħallewna missierijietna.

*Kitba : N Gingell - Informazzjoni miġbura u misluta minn diversi kotba u artikli mill-Internet*

*Ritratti N Gingell , Miriam Schembri u Internet*

